MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1397/2001/1

**Patricia Gharz Eddin**

**vs**

**Wesam Gharz Eddin**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu b'mod civili fit-18 ta' Mejju 2001 fir-Registru Pubbliku, Valletta skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument "A".

Illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat b'difett serju ta' dikrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u l-obbligi essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika

serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *stante* li l-konvenut ried jakkwista biss residenza tieghu Malta u eventwalment ic-cittadinanza Maltija.

Illi dan iz-zwieg ma seta’ qatt jeffettwa ruhhu minhabba li l-konvenut ma kienx u ma riedx jahdem u lanqas kellu dar ta’ residenza ghalih u ghal martu biex b’hekk l-istabilita’ fil-hajja mizzewga kienet totalment nieqsa kif ukoll baqa` jghix hajja bla kont u bla razan f’abbuzi ohra mhux leciti li jivvizzjaw il-kunsens taz-zwieg.

Illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-ziweg is-setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens taz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fir-Registru Pubbliku, Valletta fit-18 ta’ Mejju 2001 skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument “A” huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur ta’ l-**Att taz-Zwieg (Kap 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta’ Mejju 2002, 13 ta’ Novembru 2002, 12 ta’ Frar 2003, 12 ta’ Marzu 2003, u 13 ta’ Mejju 2003 fejn l-Qorti pprefeggiet terminu ta’ 20 gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta nota ta’ l-osservazjonijiet bil-visto notifika lid-difensur tal-kontro-parti li kellu 20 gurnata biex jipprezenta nota responsiva.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 19 ta’ Novembru 2002 u d-Digriet ta’ din il-Qorti datat 20 ta’ Novembru 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 11 ta’ Marzu 2003 a fol. 16 tal-process fejn gew esebiti l-affidavits ta’ Joanne Chetcuti, Joseph Catania, u Angela Catania.

Rat li l-konvenut gie debitament permezz tal-procedura abbazi ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** u ma pprezenta l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u lanqas deher fil-kawza u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat l-affidavit ta’ l-attrici tat-18 ta’ Lulju 2003;

Rat d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-Azzjoni Attrici.

Illi din ic-citazzjoni tirrigwarda l-validita’ *o meno* ta’ zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Mejju 2001 (Dok. “A”) fejn l-attrici premettiet li fit-18 ta’ Mejju 2001 il-partijiet ghaddew minn cerimonja ta’ zwieg fir-Registru Pubbliku; li l-konvenut li ta’ nisel Gharbi zzewweg lill-attrici semplicement ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f’rabta ta’ zwieg maghha; li dan iz-zwieg huwa null *stante* illi l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg; li dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Hija ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Mejju 2001 kif indikat f’estratt veru mill-att taz-zwieg numru 562/2001 u dan ai termini *inter*

*alia* ta' l-**artikolu 19 subartikolu 1 para. (d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg, Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(B) PROVI.**

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Jiena llum ghandi ghoxrin (20) sena. Meta jiena kont nohrog ma' Wesam Gharz Eddin kelli sbatax-il sena. L-ewwel darba li ltqajt ma' Wesam Gharz Eddin kien f'Paceville go bar. Niftakar li kien Awissu tas-sena elfejn (2000) meta ltqajt mieghu. Wesam kien l-ewwel 'boyfriend' li hsibt li kelli bis-serjeta`.*

*Illi wara ftit zmien li ltqajna, Wesam u jiena ddecidejna nohorgu flimkien. Wesam kien hafna hanin mieghi, qabel ma zewwigtu, tant hu hekk li kien jixtrili rigali ta' spiss. Wesam kellu wkoll hafna pacenzja ghalija peress li kien iwassalni x-xoghol ta' kuljum u kien ta' kuljum jerga` jehodni lura d-dar ta' ommi u missieri.*

*Illi rigward il-karozza li hu kien jehodni biha ghax-xoghol u li kien ukoll igibni lura d-dar, jiena hsibt li kienet tieghu, ghax hu kien qalli hekk. Meta darba ndunajt u saqsejtu l-ghala l-licenzja fuq il-windscreen tal-karozza jindika isem mara ohra li kunjomha kien ukoll Gharbi, hu kien qalli li l-karozza kienet fuq il-mara ta' habib tieghu, peress li hu ma setax jaghmilha fuq ismu peress li hu ma kellux permess joqghod hawn Malta. Jiena kont emmintu. Wara li zzewwigna, pero,' sirt naf li din il-persuna wahda bl-isem Therese, kienet 'girlfriend' tieghu. Dan sirt nafu bil-mod kif gej - darba minnhom xi tliet gimghat wara li zzewwigna ma setax jghaddi ghaliha x-xoghol ghax qalli li waqfitlu l-karozza. Jiena mort id-dar bil-karozza tal-linja. Kif wasalt id-dar, Wesam ma kienx hemm. Wara xi nofs siegha Wesam wasalt id-dar: hu qalli li kellu xi jghid ma siehbu u hadulu l-karozza ghax kienu sejrin jirraportawh ghax hu seraq il-karozza. Jiena pero' saqsejtu l-ghala hu kien qalli qabel li waqfitlu l-karozza u issa qed jghid li kellu xi jghid ma' siehbu u kellu ghalhekk jirritoma l-karozza. Minn dan l-incident bdejt nissospetta hi kien hemm xi problema*

*peress hi ma kien qed jghidli xejn min kien siehbu u iktar u iktar kien qed jevita kwalunkwe diskors fuq Therese. Dak innhar stess, filghaxija jiena kellimt lil hu Wesam, li jismu Hesham, hu qalli li Therese kienet il-'girlfriend' tieghu u ma kenitx il-mara ta' siehbu. Jiena kont iffaccjajt lil Wesam fuq dan, u wara xi gimgha nillitikaw peress li minn banda wahda ndunajt dak il-hin li ingannani u li kien qed jingannani anki qabel iz-zwieg stess, u mill-banda l-ohra jiena ma riedx nikxef lil huh li kien taghni din l-informazzjoni. F'dan iz-zmien niddikjara li Wesam ammetta mieghi fl-ahhar li kien qieghed ma' Therese ghal dawn l-ahhar tliet snin.*
*Illi fuq dawn il-fatti, jiena ftaht qalbi ma' ohti Joanna u ddecidejt li nitilqu. Jiena domt ma' Wesam Gharz Eddin taht l-istess saqaf sad-29 ta' Gunju 2001. Ahna konna zzewwigna fit-18 ta' Mejju 2001. Jiena nikkonferma u niddikjara li qabel ma zzewwigt jiena u Wesam ma konniex nghixu flimkien peress li jiena kont ghadni noqghod mal-genituri tieghi Pembroke sa dak iz-zmien.*

*Illi llum il-gurnata ninduna sew, li Wesam kien iharref u jigdeb il-hin kollu.Ninduna u naghraf ukoll li Wesam kien bniedem li facilment jikkonvincik u kien bniedem ukoll li kien jaf jigdeb. Il-hasra hi, li jiena hil Wesam emmintu. Illum nammetti li ghamilt zball u li jiena kont immatura. Ninduna wkoll li missni smajt mill-genituri tieghi u minn huti u hbieb tieghi.*

*Illi gidba kbira ohra li kien qalli Wesam kien, li hu kien ta' nazzjonalita' Sirjana. Sirt naf pero' fil-gumata taz-zwieg taghna u cjoe' fit-18 ta' Mejju 2001, quddiem l-ufficcjal tar-Registru Pubbliku li zewwigna, li hu kien ta' nazzjonahita' Libjana u m'hux ta' nazzjonalita' Sirjana. Dan ghaliha kien ingann. Kien dak il-hin biss li jiena sirt naf dan il-fatt.*

*Illi haga ohra li kien jghidli meta konna gharajjes kien li hu kien ihobb jahdem u li kien ragel biezel u habbrieki ghax-xoghol. Indunajt, kif zzewwigtu, li hu ma riedx jahdem u ried ikompli jgawdi billi nohorgu flimkien go bars. Jiena kelli nkun il-persuna hi nahdem ghalih.Wara sirt naf minn hbieb tax-xoghol fejn nahdem jiena l-Lapsi Hotel Balluta li gieli rawh f'bars Paceville ma' xi hbieb tieghu fil-hinijiet*

*meta jiena kont imissni xoghol. Dan id-diskors qieghed nirreferi ghall-perijodu ta' wara li zzewwigna. Hu qatt ma kellu intenzjoni biex jahdem u ndunajt biss wara li jiena zzewwigtu li l-unika intenzjoni li kellu kien li jakkwista c-cittadinanza Maltija biex ikun jista' jibqa' hawn Malta.*

*Illi Wesam, ghandu zewg hutu u cjoe' Heshem u Minjar li t-tnejn huma wkoll mizzewgin tfajliet Maltin, li huma wkoll m'ghadhomx mal-mara taghhom, izda li lkoll zzewgu hawn Malta u jghixu lkoll hawn Malta.*

*Illi jiena llum il-gumata ninduna bl-izbalji tieghi u nammetti li jiena kont immatura. Indunajt kif izzewwigt lil Wesam li hu ma riedx jerfa` u jassumi l-obbligli taz-zwieg peress li ma riedx jahdem u wkoll peress li kien il-hin kollu jigdeb sfaccatament quddiemi. Il-hasra hija li ma ndunajtx b'dawn il-gideb hlief meta zzewwigtu.*

*Illi hag'ohra li nixtieq inzid huwa li kien hu stess hi ried ihaffef il-process biex hu u jiena nizzewgu. Hu kien dejjem jghidli li ahna konna koppja perfetta peress li qatt ma konna niggieldu u ghalhekk fi zmien seba` xhur minn meta sirt nafu, hu kien ippropona hi jiena nizzewgu. Illum ninduna bl-izball kbir li ghamilt u ninduna wkoll li kont immatura ferm fid-decizjoni tieghi. Nammetti wkoll li kont wahda li kont nemmen kollox. Ninduna li Wesam kien inganna biha, billi kien zieghel bija sakemm jiena zzewwigtu.*
*Illi llum il-gumata, Wesam qieghed ma' mara ohra Maltija peress li jiena rajtu maghha u li naf li hija tqila minnu."*

## <u>(C) APPREZZAMENT LEGALI.</u>

Illi fic-citazzjoni, l-attrici talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d), (f) u (h) ta' l-artikolu 19 (1)** izda mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza u cjoe' sabiex ikun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija, jew inkella zzewwigx biex

jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssostni li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

***"(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Villadrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza "**Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (****"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew *addirittura* ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena" (**Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel**

**Mamo vs Mario Mamo”** (P.A. (VDG) 26 ta’ Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *“fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju”* (ara, **“Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”**, P.A., 10 ta’ Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *“Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (**“Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt”**, P.A., 15 ta’ April 1996)”.*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f’dan is-sens, fost ohrajn, **“Jacqueline Cousin vs Bernard Simler”**, P.A., 3 ta’ Gunju 1998; **“Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar”,** P.A. 19 ta’ Ottubru 1998; u **“Carmelo Grima v. Mary Andrews”**, P.A., 2 ta’ Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta’ diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."*** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi dawn il-principji gew konsistentement affermati fil-gurisprudenza nostrali inkluzi fis-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG)

17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"**

(P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attrici tibbaza wkoll l-azzjoni taghha fuq dak stipulat fl-**artikolu 19 (1) (f),** li jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza "**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**" minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza "**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Mizzi vs Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti

definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata**.**

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi, fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` jkun illi mic-cirkostanzi tal-hajja matrimonjali kollha li jsegwu, jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione <u>espressa</u> o <u>esplicita</u>, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato <u>implicitamente</u>. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione <u>implicita</u> vale a dire mediante <u>il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi*** – **"*Il consenso matrimoniale canonico"***).
Illi l-ahhar bazi tal-azzjoni attrici hija dik ibbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jipprovdi li hemm bazi ta' nullita' taz-zwieg:-

**(h)** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida , ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

**<u>(D) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi din il-Qorti thoss li mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabbilment li l-konvenut izzewweg lill-attrici esklussivament sabiex jottjeni passaport Malti u cittadinanza Maltija. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali kollha

jindikaw minghajr ombra ta’ dubju li fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, il-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jsir cittadin Malti permezz taz-zwieg li kien qed jigi celebrat u xejn aktar.

Illi dan huwa manifestat mir-relazzjoni kollha ta’ bejn il-partijiet, konjugi f’dan iz-zwieg u senjatament mill-mod kif il-konvenut ha vantagg mill-fatt li l-attrici kien ghad kellha biss tmintax–il sena meta beda johrog maghha, u mill-infatwazzjoni li hija kellha bilfors fuqu, ghaliex *nonostante* diversi twissijiet mill-familjarji taghha, l-attrici bla ma qalet litteralment lill-hadd, izzewget lill-konvenut permezz taz-zwieg civili; fil-fatt f’temp ta’ sitt xhur minn mindu ltaqghu l-ewwel darba l-kontendenti huma zzewgu, izda dan hekk imsejjah zwieg ma seta` qatt jaghti frott, ghaliex il-konvenut litteralment isserva bl-attrici sabiex jiehu l-istat ta’ bniedem mizzewweg u jghix hawn Malta, tant li huwa la qatt hadem, ghex minn fuq l-attrici u wkoll baqa’ jghix hajja ta’ guvni, b’relazzjoni anke ma’ nisa ohra; fil-fatt l-attrici wara sitt gimghat rritornat lura d-dar tal-genituri taghha u r-relazzjoni taghha mal-konvenut spiccat hekk sakemm saret din il-kawza.

Illi fil-fatt jirrizulta li d-dikjarazzjoni attrici hija kkoroborota kollha mix-xhieda tal-genituri taghha fuq ipproposta u wkoll ta’ ohta Joanna Chetcuti, liema xhieda ma’ thalli l-ebda dubju f’ghajnejn il-Qorti li dan kien zwieg semplicement fazul u wiehed ta’ konvenjenza, li sfortunatament din il-Qorti qed tkun irrinfaccjata b’diversi minnhom, specjalement ta’ nisa Maltin ma’ rgiel ta’ nazzjonalita’ Gharbija.

Illi l-provi kollha prodotti kollha jindikaw li l-ghan ewlieni tal-konvenut kien li jizzewweg lill-attrici semplicement sabiex jottjeni passaport Malti. Fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens huwa kien qed jeskludi mhux biss certu elementi essenzjali taz-zwieg, izda *addirittura* z-zwieg innifsu u dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-konvenut lanqas biss ipprova jagixxi ta’ ragel serju ma’ l-attrici, izda litterlament abbuza mill-generozita’ u mill-ingenwita’ taghha.

Illi din il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-attrici ppruvat fuq bilanc ta’ probbabilitajiet u fil-grad rikkest mill-ligi li r-raguni dominanti li ghaliha l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex isir cittadin Malti u xejn aktar u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi. F’dan ir-rigward, l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 1995, u tas-16 ta’ Jannar 1998, fil-kawzi fl-ismijiet **“Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida”** u **“Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk”** u cjoe’ li:-

*“meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament”.*

Fi kliem il-gurista ***Castano:-***

*“… l’atto posittivo della volonta’ non s’identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta’ puo’ essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l’atto posittivo richiesto dal canone apposito puo’ essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l’insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta’, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E’ per questo che la volonta’ puo’ essere ritenuta una facolta’ poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente”.*

*“Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens*

*matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabbilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) - Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano.  In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso.  Per esempio:  avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti hija sodisfatta li l-attrici ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawza civili, li r-raguni predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, l-ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista' jottjeni cittadinanza Maltija u passaport Malti u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg.  Ghal dawn il-motivi, l-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-18 ta' Mejju 2001, huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi din il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wkoll ghaliex l-attrici min-naha taghha, fl-istat li kienet qabel iz-zwieg kienet certament affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u kienet psikologikament inkapaci li taghmel ghazla libera ta' zwieg, u ma kenitx fi stat li tifhem il-konsegwenzi ta' hajja mizzewga u dan anke fil-kuntest tal-konvenut; tant kellha l-element volittiv taghha imcajpar li ma setghetx lanqas tinduna, *nonostante* l-provi lampanti li kellha quddiema, u li kienu caru ghal kulhadd, li l-konvenut kien litteralment jisserva biha, u ghalhekk id-difett ta' l-attrici jidher ghalhekk li kien vizzjat skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu. Illi dawn l-istess sentenzi gew segwiti minn din il-Qorti fil-kawzi **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002); **"Marica Bouchioua vs Farhet Ben Mohammed Bouchioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002); u **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit nomine"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2002) li ghalihom issir riferenza.

Illi minhabba dak fuq premess ma hemm l-ebda skop li l-azzjoni attrici tigi investigata abbazi wkoll ta' l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** *stante* li dan ikun issa biss ezercizzju akademiku u xejn iktar.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fir-Registru Pubbliku, Valletta fit-18 ta’ Mejju 2001 skond ic-cetifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni attrici u mmarkat bhala Dokument “A” huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif premess.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------